MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2011

Numru 793/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**Vs**

**Juan Rodriguez Almeron**

**Il-Qorti,**
Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Juan Rodriguez Almeron ta' hamsin (50) sena, iben il-mejjet Manuel u Josefa, imwieled Spanja fis-26 ta' Jannar 1962, u joqghod San Pawl il-Bahar detentur tal-karta tal-identita' Spanjola numru ABM 130472, talli bejn l-1 ta' Lulju 2011 u t-2 ta' Lulju 2011 f'xi hin ikkommetta serq liema serq huwa ta' valur aktar minn 23 Euro u inqas minn 200 Euro ghad-detriment ta' terzi persuni liema serq huwa kkwalifikat bil-valur;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u rat l-atti kollha ta' dan il-kaz;

Semghet lill-imputat jammetti ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u dana minkejja l-fatt li din il-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet l-ammissjoni ta' htija ta' l-imputat ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ohra ghajr li issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena u ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija kif ukoll ic-cirkostanzi difficli li ghaddej minnhom l-istess imputat;

Wara li rat l-Art.267 u 279 (a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal tmien (8) xhur habs izda fil-fehma tal-Qorti f'dan il-kaz hemm cirkostanzi li jiggustifikaw is-sospensjoni, partikolarment l-ammissjoni bikrija

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------